MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 829/15LM

**Brian Saliba (K.I. 79572M)**

***vs.***

**Engineering Resources Limited (C 65835) ġià Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-2 ta' Settembru, 2015 mill-attur **Brian Saliba** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi nhar id-9 ta' Novembru, 2011 ir-rikorrent Brian Saliba waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala impjegat tas-soċjetà intimata ġewwa l-lukanda Seabank Hotel S/S fil-Mellieħa kellu inċident ġewwa s-substation fl-imsemmija lukanda Seabank u b'konsegwenza diretta tal-istess inċident ir-rikorrent sofra debilità permanenti kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

2. *U premess illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident ir-rikorrent Brian Saliba sofra telf ta' qliegħ, diżabilità permanenti u danni konsegwenzjali;*

3. *U premess illi l-imsemmi inċident seħħ unikament b'tort, negliġenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetà intimata;*

4. *U premess illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex tgħaddi għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent, u dana permezz ta' ittra uffiċjali datata s-26 ta' Settembru, 2013 (ara Dok. A*[1] *hawn annes) iżda baqgħet inadempjenti.*

*Għalhekk, tgħid is-soċjetà intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetà intimata hi responsabbli għall-inċident li seħħ fid-9 ta' Novembru, 2011, f'liema inċident korra r-rikorrent Brian Saliba;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-inċident imsemmi;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent d-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Settembru, 2013 kontra s-soċjetà intimata li hija nġunta minn issa għas-subizzjoni.*[2]

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Engineering Resources Limited ġjà Korporazzjoni Enemalta** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ppreżentata fit-2 ta' Novembru, 2015 u li ġiet maħlufa mill-Inġ. Patrick Gauci, li biha eċċepiet:

[1] *A fol.* 5 fejn is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni minħabba diżabilità ta' 12% skont ċertifikat ta' Mr. Charles Grixti anness magħha.

[2] Ġew esebiti wkoll mar-Rikors Maħluf dok. B, kopja tar-rapport imħejji minn Mr Charles Grixti datat 1 ta' April, 2013 *a fol.* 6, li ma jidhirx li ġie esebit b'mod sħiħ peress li tinsab nieqsa dik il-parti taċ-ċertifikat fejn ġiet riskontrata rata ta' diżabilità permanenti 12% imsemmija fl-ittra uffiċjali; dok. C, kopja tal-*"Accident Investigation Report" a fol.* 7 sa 11; u dok. D, kopja tal-Karta tal-Identità tal-attur, *a fol.* 12.

1. *Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li s-soċjetà intimata ma taħti xejn għall-inċident in kwistjoni u lanqas għall-infortunju, u dan peress li l-inċident mertu għal din il-kawża ma seħħx b'tort, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetà intimata. Iżda l-inċident in kwistjoni seħħ tort tar-rikorrent minħabba negliġenza u nuqqas ta' prudenza fuq ix-xogħol;*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-inċident ġie kkawżat b'riżultat ta' negliġenza kontributorja da parti tar-rikorrent Brian Saliba, u dan billi konsapevolment poġġa lilu nnifsu f'periklu potenzjali li seta' faċilment jevita;*

3. *Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, id-danni allegatament sofferti qegħdin jiġu kkontestati senjatament anke in vista taċ-ċertifikat mediku anness mar-rikors promotur stante li ma jagħti l-ebda informazzjoni dwar l-allegat debilità permanenti odjerna, u semmai din għandha tiġi pruvata fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

4. *Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, is-soċjetà intimata m'għandha tinkorri ebda spejjeż tal-proċeduri odjerni billi r-rikorrent naqas illi jikkwantifika l-pretensjoni tiegħu kemm in kwantu għall-allegat danni inkwadrati taħt damnum emergens kif ukoll għal dawk inkwadrati taħt lucrum cessans;*

5. *Illi s-soċjetà intimata taf b'dawn il-fatti personalment;*

6. *Salv, jekk ikun il-każ, risposti ossija eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti ħatret lil Mr Carmel Sciberras bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras.[3]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Din il-kawża hija dwar inċident fuq il-post tax-xogħol li seħħ fid-9 ta' Novembru, 2011 fis-*substation* tas-soċjetà konvenuta Engineering Resources Limited, qabel magħrufa bħala Korporazzjoni Enemalta, li nbniet fil-*grounds* tas-Seabank Hotel, il-Mellieħa, liema inċident seħħ meta l-attur, impjegat mal-istess soċjetà konvenuta, kien fi trinka biex jilqa' *cable* tqil u ħa skoss kbir li affettwalu għonqu u idu u li skont Mr Carmel Sciberras, l-espert mediku inkarigat mill-Qorti, ikkaġunalu diżabbiltà permanenti ta' 13%. L-attur fl-1998 diġà kellu diżabbiltà permanenti ta' 12% minħabba inċident ieħor, li però kien

[3] *A fol.* 55 *et seq.*

għaddielu għalkollox. L-attur qed jikkontendi li l-e*mployer* tiegħu, is-soċjetà konvenuta hija responsabbli għal dan l-inċident minħabba tort, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol min-naħa tagħha u konsegwentement hija responsabbli għad-danni sofferti minnu kemm bħala *damnum emergens* u kemm bħala *lucrum cessans.* Min-naħa tagħha soċjetà konvenuta qiegħda tilqa' għat-talbiet tal-attur billi tinnega li kellha xi responsabbilità għall-inċident u l-infortunju tal-attur, u ssostni li l-attur kien jaħti esklussivament għall-inċident, filwaqt li subordinatament tallega responsabbilità kontributorja da parti tal-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

*Provi dwar responsabbilità għall-inċident inkwistjoni*

L-attur Brian Saliba flimkien mar-Rikors Maħluf ippreżenta kopja tal-*Accident Report* li ġie kompilat mis-soċjetà konvenuta[4], li għandu d-data tal-inċident, iffirmat minn Mario Azzopardi, *S.D.T.O. Development Section,* Enemalta Corporation, li fih d-dettalji tal-attur u s-sengħa tiegħu ta' *SDT/Jointer,* kif ukoll il-post, id-data u l-ħin tal-inċident. F'dan ir-rapport jingħad li l-attur kellu ferita fil-*right hand thumb.* Dan ir-rapport *ġie* mibgħut minn Mario Azzopardi lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali u lill-*Occupational Health and Safety Authority.* Fir-rapport jingħad ukoll li l-attur meta wegga' kien "*working in a substation trench setting out an 11kv cable which was being drawn in position to the terminator trunk*". Bħala deskrizzjoni tal-inċident jingħad li: *"The heavy weight*

[4] *A fol.* 10 u 11.

*of the cable injured his right hand thumb whilst setting out the said cable".* Jingħad ukoll fl-istess rapport li fl-inċident ma kienx hemm involut użu ta' makkinarju. Bħala l-verżjoni tal-impjegat fir-rapport jingħad *"as above description",* ċjoè dak li ssemma aktar 'il fuq. Bħala xhieda tal-inċident jissemmew Eugenio Borg u Claudio Azzopardi bil-firem tagħhom. Fil-parti ta' isfel tar-rapport, wara l-firem tax-xhieda, hemm imsemmi li *"accident was not due to any negligence on the part of the said employee, any other person or Corporation"* u li l-attur waqt l-inċident kien liebes *safety shoes* u *safety vest.*

L-attur mar-Rikors Maħluf ippreżenta wkoll l-*Accident Investigation Report* tas-sezzjoni *Health and Safety Section* tal-Enemalta[5] ffirmat mill-*Health, Safety and Environmental officers* tal-Enemalta Marco Cauchi u Norman Attard u endorsjat mill-*Head* ta' dik is-sezzjoni Simon Fabri fl-24 ta' Mejju, 2012. F'dan ir-rapport it-tip ta' inċident jiġi indikat bħala *"while handling, lifting or carrying"* u x-xogħol li kien qed isir meta seħħ l-inċident bħala s-segwenti:

> *"While Mr. Saliba and his colleagues were trying to position an 11kv core 185HT armoured cable into the HT switch gland he felt a sprain from his right hand thumb to his neck. He was in a two feet trench under the HT switch while his colleagues were adjacent to the HT switch above. Besides his witness on the injury report form, person in charge Mr. Mario Azzopardi and Eng. Mr. Bernard Farrugia were also present during the accident.*
>
> *Mr. Saliba was taken immediately to Mosta polyclinic and then to M.D.H. He was dismissed that day and was operated on his right hand two days later.*
>
> *Eng. Mr. B. Farrugia was contacted, he stated no risk assessment was carried out for this task."*

[5] *A fol.* 7 sa 11.

Ġew immarkati fl-affermattiv il-partijiet tar-rapport li jitolbu li jiġi indikat jekk: *"Was standard operating procedure available for this task? Was suitable personal protective equipment provided? Was the ppe used correctly?".* Mill-banda l-oħra ġew immarkati fin-negattiv il-partijiet tar-rapport li jitolbu li jiġi indikat jekk "*Where any of the person's senses obscured/nullified, which could have been a contributory factor?"*. F'dan ir-rapport hemm ukoll stqarrija tax-xhud Claudio Azzopardi mhux iffirmata li tgħid:

> *"While we were directing the 11kv cable into the gland which is situated under the HT switch, Mr. Saliba felt a sprain from his thumb to his neck. He was in a 2 feet deep trench when the accident occured which is directly under the switch while I was on the same level as the 11kv switch."*

F'dan ir-rapport jingħad ukoll li "*The involved person qualifies to be granted injury leave in terms of the Collective Agreement 2002-2005. Article: 6.5.7".* Mar-rapport kien hemm ukoll ritratt tat-trinka fejn kien l-attur fejn jidher l-11*kv* 3 *core* 185*HT cable* u ritratt tal-11*kv HT switch gear.*[6]

L-attur **Brian Saliba** fl-*affidavit* tiegħu jgħid[7] li kien impjegat mal-Enemalta bħala *jointer* u spjega li kien jaħdem fuq *substations* u jgħaddi *cables* mit-toroq għas-*substations.* L-attur jikkonferma li fl-1998 kellu inċident ieħor fuq il-post tax-xogħol f'lokalità oħra, fejn ġie ċċertifikat b'diżabbiltà ta' 12% u kellu *slipped disk.* L-attur jgħid li kien irkupra minn dik l-*injury* minkejja li xi kultant kien iħoss xi wġigħ, iżda xorta baqa' fl-istess tip ta' xogħol għax ma kienx ingħata l-opportunità jaħdem f'pożizzjoni differenti. L-attur jgħid li wara l-

[6] *A fol.* 9.
[7] *A fol.* 19 sa 22.

inċident mertu tal-kawża huwa beda jagħmel xogħol aktar ħafif u ġie misluf mas-sezzjoni tal-*Animal Welfare.*

L-attur jispjega li dakinhar tal-inċident huwa kien fuq il-lant tax-xogħol fi grupp ta' madwar sitt impjegati tas-soċjetà konvenuta, inkluż il-*foreman* u l-inġinier. Il-proċedura kienet tinvolvi li persuni minn fuq l-i*switch* jgħaddu *cable* għal taħtu u xi ħadd ikun taħt is-*switch* biex jilqa' l-istess *cable.* L-ispazju taħt kien limitat għal persuna waħda biss, apparti li kien mimli b'*cables* oħrajn u persuna hemm isfel lanqas tista' toqgħod bilwieqfa minħabba kif kien strutturat il-post. L-attur jgħid li sħabu u hu kienu qablu bejniethom li jinżel hu u kellu bilfors joqgħod kokka u dan kien jillimitah milli jagħmel il-forza neċessarja. Sħabu minn fuq kienu qed jippruvaw jiddrittaw il-*cable* filwaqt li kien nieżel u jispjega li l-materjal tiegħu hu taċ-ċomb, karti u aluminju u tqil u irid numru ta' nies biex iqandluh. Spjega li kif minn fuq bdew jgħollu l-*cable* biex jiddrittawh u dan beda jagħfas fuqu minħabba it-toqol, ħass weġgħa f'idu il-leminija u llokkjawlu tlett iswaba' u ħass qisu xokk tiela' għal għonqu. Peress li huwa kien qed iżomm il-*cable*, ipprova jiddritta u jaqleb għall-id l-oħra iżda ma setax jagħmel dan għax marritlu s-saħħa mill-id il-leminija. Għalhekk għajjat għall-għajnuna u niżlu l-kollegi tiegħu għalih biex joħorġuh minn hemm. Xi ħadd neħħielu l-ingwanti u wassluh il-poliklinika tal-Mosta.

L-attur jgħid li bħala *personal protective equipment* kellu *safety shoes,* ingwanti, *helmet* u *high visibility vest* u żied jgħid li minkejja li xogħlu kien jinvolvi ċertu toqol u ġarr, qatt ma ngħata xi *equipment* jew apparat biex jgħinu f'dan ix-xogħol u jipproteġġih konsegwenza tat-toqol u l-ġarr. Lanqas ma qatt ingħata xi tip ta' *equipment* għall-ġar tal-għodda tqal li kien ikollu juża. L-attur isostni wkoll li kieku s-*substation* fejn kien qed jaħdem kien

imsaqqaf bħas-*substations* li kienu qed isiru dak iż-żmien[8], kien ikunu jistgħu joqogħdu żewġ persuni f'pożizzjoni bilwieqfa u jifilħu aktar il-piż tal-*cable.* Brian Saliba jgħid li ma setax jifhem kif l-Enemalta kienet aċċettat dak it-tip ta' *substation* li dak iż-żmien kien ġdid. L-attur jgħid ukoll li hu kien jaf li kien hemm ċertu periklu fejn kienu qegħdin jaħdmu, tant hu hekk kienu għamlu rapporti lill-*foreman* u lill-inġinier. L-attur jgħid li kellhom erba' sulari taraġ biex jaslu għas-*substation* b'għodda tqila u s-soċjetà konvenuta kienet ippruvat takkomodahom billi armat *scaffolding.* Iżda x-xogħol dakinhar xorta kellu isir u b'ċerta urġenza. L-attur spjega wkoll li għalkemm il-post kien mibni mis-Seabank Hotel, *is-substation* kellu jiġi ċċertifikat mill-Enemalta biex il-ħaddiema tal-Enemalta jkunu jistgħu jaħdmu fih u jgħid li ma setax jifhem kif l-Enemalta aċċettat li ssir biss trinka minflok post imsaqqaf. L-attur għamel riferiment ukoll għar-rapport ippreżentat minnu fejn l-inġinier Bernard Farrugia qal li ma kienx sar *risk assessment* tal-post fejn kellhom jaħdmu dakinhar. L-attur isostni wkoll li kieku s-soċjetà konvenuta għamlet *risk assessment* kif rikjest mil-liġi, kif ukoll aċċertat ruħha li l-post kien *a safe place of work* billi tesiġi li l-post jissaqqaf biex ikunu jistgħu jaħdmu l-ħaddiema meta jkun hemm bżonn u kieku pprovditilhom apparat li jgħin fil-ġarr ta' dak it-tip ta' toqol, l-inċident ma kienx iseħħ.

Meta xehed *viva-voce*[9] l-attur jgħid li biex jidħlu fejn kien hemm *is-substation* kellhom ċavetta ta' bieb żgħir u kien hemm parti fejn kellhom jgħaddu fl-għoli minn fuq fallakka. In kontroeżami[10] l-attur jgħid li l-ambjent li kienu qegħdin jaħdmu fih kien perikoluż minħabba l-għoli u l-aċċess kien minn bieb wieħed

[8] L-attur esebixxa *a fol.* 26 sa 31 għadd ta' ritratti ta' *substations* imsaqqfin bi spazju adegwat fejn il-ħaddiema jistgħu jaħdmu taħtu.
[9] *A fol.* 206 u 207.
[10] *A fol.* 207 u 208.

biss li kellhom ċ-ċavetta tiegħu. L-inċident inkwistjoni seħħ minħabba li t-trinka fejn kien qiegħed ma kienx hemm spazju biex taħdem u kellha għoli biss ta' xi metru u ftit. L-attur jgħid li huwa kien wieħed minn tal-ewwel li ħadem hemmhekk u għalkemm kien ikollu *labourer* miegħu*,* dan xogħlu kien biss li jnewwillu l-affarijiet. Saliba jgħid li qabel ma weġġa' seta' ħadem xi ħaddieħor hemm taħt, però mhux l-istess xogħol tiegħu, u wara li weġġa' jassumi li peress li kellhom ilestuh dan ix-xoghol, ħadem xi ħaddieħor.

Ix-xhud **Brian Scicluna** fl-*affidavit* tiegħu jgħid[11] li huwa impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *jointer* bħall-attur, u kien fil-post tal-inċident dakinhar tal-inċident, però kien qed jaħdem fuq *cable* ieħor xi 3 metri 'l bogħod mill-attur u fuq mhux taħt bħall-attur. Ix-xhud jgħid li f'daqqa waħda sema' lill-attur jgħajjat u kienu ħaddiema oħrajn li ħarġuh minn fejn kien u x-xufier tas-soċjetà konvenuta ħadu l-isptar. Ix-xhud jgħid li fuq il-lant tax-xogħol kienu jagħtuhom *safety shoes* u *safety helmet,* imma qatt ma tawhom xi *equipment* biex jipproteġġihom kontra t-tqandil u l-ġarr.

In kontroeżami[12] Brian Scicluna jikkonferma li fejn kien qed jaħdem l-attur kien hemm ħaddieħor ukoll assenjat jaħdem miegħu, però ma kienx hemm spazju hemm isfel biex jaħdmu żewġ ħaddiema u min kien qed jgħinu, ċertu Eugenio Borg, kien qed jgħinu minn fuq. Ix-xhud jgħid li ma rax l-inċident iseħħ, però ra lill-attur ħiereġ mit-trinka wara l-inċident bl-assistenza ta' ħaddieħor, muġugħ u jżomm idu x-xellugija. Ix-xhud jgħid li normalment fuq dan it-tip ta' xogħol ikunu tnejn jew saħansitra tlieta u qal li l-*foreman* tagħhom kien jassenjhom fi gruppi ta' tnejn.

[11] *A fol.* 42.
[12] *A fol.* 224 sa 229.

**Eugenio Borg** fl-*affidavit* tiegħu jgħid[13] li huwa wkoll jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *jointer* u xogħolhom hu li jqabbdu l-*cables* mas-*switches* u ħafna mix-xogħol tagħhom hu ġewwa *substations.* Il-*cables* li jaħdmu bihom huma ta' ħxuna sostanzjali u tqal għax magħmulin ukoll miċ-ċomb. Dakinhar tal-inċident inkwistjoni, ix-xhud kien qed jaħdem mal-attur fuq l-istess *cable,* però x-xhud kien fuq, għax isfel kien ristrett ħafna, u kien hemm biss post għal persuna waħda. Ix-xhud jgħid li filwaqt li kien qiegħed jgħaddi l-*cable* lill-attur minn fuq biex jippruvaw jiddrittawh, minn isfel l-attur beda jgħajjat bl-uġigħ u kellu idu llokkjata. Ix-xhud jgħid illi fejn kienu qegħdin jaħdmu għalkemm kien *substation* ġdid, kellhom il-periklu u saħansitra kienu lmentaw ħafna dwar dan. Dan għaliex kuntrajament għal *substations* ġodda li kienu qegħdin jiġu msaqfa u fejn jistgħu jaħdmu aktar minn ħaddiem wieħed, fejn seħħ l-inċident fit-trinka seta' jaħdem biss ħaddiem wieħed. Ix-xhud jgħid ukoll li s-soċjetà konvenuta kienet tagħtihom *personal protection equipment* biex jaħdmu f'*construction sites,* però ma kinitx tipprovdilhom tagħmir għall-ġarr ta' affarijiet tqal li kien jinvolvi ħafna mix-xogħol tagħhom.

In kontroeżami Eugenio Borg jgħid[14] li huwa kien ilu fix-xogħol ta' *jointer* għal madwar 27 sena. Ix-xhud jispjega li l-*cables* apparti li huma tqal, huma wkoll pjuttost riġidi u jkollhom jiddrittawhom. Spjega li f'xogħol bħal dan jinqasmu wieħed fuq u wieħed isfel. Ix-xhud jgħid li kienu ilhom jaħdmu xi erba' sigħat fuq il-post qabel ma seħħ l-inċident. Ix-xhud jgħid li x-xogħol hemmhekk kellu jieħu madwar xahar u huwa dejjem ħadem hemmhekk f'dak ix-xahar. Ix-xhud jgħid li ġieli niżel hu isfel. Dakinhar tal-inċident ix-xhud kien qed jimbotta l-

[13] *A fol.* 43.
[14] *A fol.* 230 sa 233.

*cable* minn fuq biex jiddrittah u l-attur iżomm il-*cable* minn isfel, iżda bil-piż tal-*cable,* illokkjat id l-attur fis-sens li ma setax iċaqlaqha.

Xehed ukoll **Simon Fabri**[15] li qal li meta kien impjegat mal-Enemala kien *Head* tas-sezzjoni *Health and Safety.* Illum jokkupa l-istess pożizzjoni iżda mal-kumpannija Enemed. Ix-xhud jgħid li l-inċident inkwistjoni seħħ meta hu kien *head* ta' dik is-sezzjoni mal-Enemalta. Spjega li wara l-inċident tnejn min-nies tiegħu kienu ħejjew rapport dwar l-inċident, u hu kien eżamina dan ir-rapport u għalkemm sab li ma kien fih xejn ta' barra minn hawn, dak li kien ġarrab l-attur kien ġie aċċettat mis-soċjetà konvenuta bħala *injury.* Ix-xhud jgħid li qabel seħħ l-inċident kien sar *risk assessment* u esebixxa *e-mail*[16] datata 31 ta' Mejju, 2016 fejn l-inġinier Bernard Farrugia informa lil Redent Balzan li f'Awwissu tal-2011 jiftakar li kien sar *risk assessment* wara li l-ħaddiema kienu lmentaw mal-General Workers Union dwar l-aċċess perikoluż għas-sit partikolari u kien għalhekk li sar *risk assessment* u kien sar *scafflloding* ċertifikat u rampa. Annessa mal-imsemmija *e-mail* kien hemm *e-mail* datata 23 ta' Awwissu, 2011 li tikkonferma dan kollu. Ix-xhud esebixxa kopja tar-*risk assessment*[17] u dokument tal-Enemalta[18] li juri li l-attur kien attenda *basic course in occupational health and safety* fit-13 ta' Mejju, 2009 u kien għadda b'21 marki minn total ta' 25. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-*Code of Practice for Electricity Division Distribution Employees*[19] li fit-taqsima 5 tiegħu rigwardanti l-*working practice for jointers,* jiġu ttrattati l-proċeduri applikabbli

---

[15] *A fol.* 59 u 60.
[16] *A fol.* 94.
[17] *A fol.* 62 sa 67. Dan jiffoka l-aktar fuq l-aċċess għas-sit u fejn sar *assessment* ta' *"possible strain injury, mainly back and hands/shoulders injuries"* u jittratta ukoll dwar *cranes* biex itellgħu il-materjal fuq, biex jintuża *"carrier on wheels"* sabiex jitwasslu l-affarijiet sas-sit. Dan id-dokument issemmi li s-*site co-ordinator* tas-Seabank offra l-assistenza tal-ħaddiema tiegħu għall-ġarr u jsemmi li l-impjegati kienu irċevew *"training in manual handling".* Rigward l-ambjent ta' ġewwa, id-dokument jiffoka dwar l-għoli, dwar li l-bibien ikunu msakkrin, dwar *leakages* ta' żjut u blokki fejn ir-rampi użati mit-trukkijiet tal-bennejja. Mal-imsemmi dokument hemm ukoll *Material Safety Data Sheet* dwar l-*leakages* ta' żjut u gassijiet, *a fol.* 68 sa 88, u *Emergency Rescue & Response Plan* datat Awwissu 2011, *a fol.* 89 sa 93.
[18] *A fol.* 101.
[19] *A fol.* 102 sa 125.

meta l-ħaddiema jaħdmu f'postijiet fejn ikun hemm l-elettriku u t-taqsima 10.3 tal-istess kodiċi tittrattata l-għodda u l-*equipment* li jingħataw lill-*jointers.*

Xehed ukoll **Redent Balzan** *Human Resources Manager* mas-soċjetà konvenuta[20], li spjega li fejn fir-rapport tagħhom jissemma li l-attur kien ġarrab *injury,* dan kien ifisser li huwa ma kienx fuq *sick leave* iżda kien weġġa' fuq ix-xogħol. Ix-xhud esebixxa dokument[21] li juri li fil-fatt l-attur wara l-inċident għamel mid-9 ta' Novembru, 2011 sal-24 ta' Mejju, 2012, fuq *injury leave.* F'dak il-perijodu tal-*injury leave* l-attur kien qiegħed jitħallas mis-soċjetà konvenuta l-paga normali, inkluż l-*bonuses* tal-Gvern. Rigward ir-*risk assessment* ix-xhud jikkonferma li dan kien sar mill-inġinier Bernard Farrugia u dan kien sar dwar is-sit tas-Seabank Hotel, però ma setax jikkonferma jekk ir-*risk assessment* kienx sar ukoll fir-rigward tal-post speċifiku fejn seħħ l-inċident.

Xehed ukoll **l-inġinier Bernard Farrugia**[22] li kkonferma li fiż-żmien tal-inċident huwa kien jokkupa l-kariga ta' inġinier u kien hu li kien għamel *ir-risk assessment.* Dak iż-żmien kellu taħt ir-responsabbiltà tiegħu l-iżvilupp ġdid tas-soċjetà konvenuta, inkluż s-*substations.* Ix-xhud jgħid li l-ewwel *risk assessment* li għamlu kien f'Awwissu, 2011 minħabba l-problema ta' aċċess li kien hemm għas-sit.[23] Ix-xhud jgħid li kien sar ukoll *risk assessment* aktar dettaljat datat 19 ta' Awwissu, 2011.[24] Ix-xhud jgħid li bħala inġinier huwa kien jieħu ħsieb ukoll l-*health and safety,* però l-kollegi tiegħu involuti fil-*heath and safety* kienu fil-fatt Simon Fabri, Marco Cauchi u Alan Attard. Ix-xhud spjega li

[20] *A fol.* 128 sa 130 u 134 sa 139.
[21] *A fol.* 140 sa 146.
[22] *A fol.* 166 sa 172 u 174 sa 181.
[23] Ara l-*e-mail* tat-23 ta' Awwissu, 2011.
[24] *A fol.* 163 sa 165.

s-*substation* fejn seħħ l-inċident tat-tip bħal sebgħin jew tmenin fil-mija tas-*substations* tas-soċjetà konvenuta, fejn il-*cables* kienu jgħadduhom mit-trinek. Muri r-ritratti li esebixxa l-attur ta' *substations* imsaqqfa, ix-xhud jgħid li dak it-tip ta' *substations* kienu popolari fis-snin 2000 sal-2008, iżda mhux dejjem ikun possibbli li jsiru b'dak il-mod minħabba restrizzjonijiet li jkollu s-sit bħal meta l-*basement* ikun ser jintuża għal xi ħaġa oħra, problemi ta' permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar jew fejn ma jkunx hemm post adegwat għall-*basement.* Ix-xhud jgħid li fiż-żmien tal-inċident huwa ma kienx responsabbli għad-disinn tas-*substations* bħalma huwa llum. Dak iż-żmien kien responsabbli Alan Attard u għalhekk ma jafx għaliex is-*substation* inkwistjoni ġie ddisinjat b'dak il-mod. Ix-xhud spjega wkoll li hu kien fuq il-post tal-inċident u ra kollox b'għajnejh. Farrugia jammetti li l-*cable* huwa pjuttost oħxon u tqil, però jgħid li bilfors irid isir *manual handling* biex jiġi ssettjat, b'ħaddiem fuq u ieħor isfel. Rigward id-dinamika tal-inċident ix-xhud jgħid li hekk kif l-attur kien qed jgħolli l-*cable,* weġġa' subgħajh u jiftakar anki li kellu għadma li ħarġet minn subgħajh, fis-sens li ġiet speċi ta' boċċa.

Ikkonfrontat b'dak li kien kiteb hu fir-rapport wara l-inċident, li ma kienx sar *risk assessment,* Bernard Farrugia jgħid li kif juru l-*e-mails* esebiti, kien sar *risk assessment* ftit xhur qabel l-inċident, iżda jammetti li ma kienx sar *risk assessment* għar-rigward tat-tgħawwiġ tal-*cable.* Ix-xhud jikkonferma li ħafna mix-xogħol tal-*jointers* jinvolvi tgħawwiġ ta' *cables.* Iżda x-xhud jinsisti li għar-rigward tal-ambjent kollu tas-*substation* kien sar *risk assessment*. Ix-xhud esebixxa sett ta' ritratti[25], tlieta minnhom meħudin minn barra s-*substation*, li juru l-istat tal-post dak iż-żmien u r-ritratti l-oħrajn huma meħudin minn ġewwa s-*substation* u ttieħdu reċentement.

[25] *A fol.* 182 sa 188.

Xehed ukoll **l-inġinier Alan Attard**[26] li spjega li fi żmien l-inċident inkwistjoni hu kien *Manager Networks Developments* u kellu x'jaqsam fost l-oħrajn ma' *substations* ġodda. Ix-xhud spjega li fejn kienet ser tinbena s-Seabank Hotel kien hemm *substation* li kellha titneħħa u ssir oħra ġdida minflokha bħala parti mill-iżvilupp tal-lukanda stess biex tkompli taqdi l-funzjonijiet li kellha s-*substation* ta' qabel u taqdi wkoll il-bżonnijiet tal-*hotel* il-ġdida. Mistoqsi kif waslu għall-mod kif kellha tinbena s-*substation* il-ġdida*,* ix-xhud qal li dan jiġi regolat bil-liġi. Ikun hemm bżonn ta' permess tal-Awtorità tal-Ippjanar li tikkonsulta mal-Enemalta dwar il-bżonn ta' saħħa ta' dawl u kif tiġi integrata mal-lukanda. Ix-xhud jgħid li hemm żewġ tipi ta' *substations,* dawk bil-*basement* u l-oħrajn bi trinka interna u l-għażla tiddependi fuq l-aċċessibilità, il-ventilazzjoni, l-aċċess għall-pubbliku u għal min jaħdem. Attard qal illi f'dan il-każ is-*substation* kienet diġà fil-*plant room* u kienu saru diskussjonijiet mal-konsulent tal-iżviluppatur tal-lukanda dwar kif setgħet tiġi integrata fil-*basement* tal-lukanda. Ix-xhud qal illi s-*substation* tal-Mellieħa kienet kbira u kien wasal għad-deċiżjoni flimkien mal-konsulent tal-iżviluppatur tal-lukanda li ma jiftakarx min kien u jekk kienx inġinier jew le. Ix-xhud jgħid li ma jiftakarx eżatt il-post fejn saret din is-*substation*, imma qal li ladarba saret fil-*basement,* assuma li jekk tħaffer aktar biex tagħmilha bħala *basement*, jibda dieħel l-ilma tal-baħar. Attard qal li huwa m'għamilx *survey* u li finalment jidħol il-perit tal-iżviluppatur li jiddeċiedi dwar il-pjanta finali. Ix-xhud jgħid li s-sit inkwistjoni huwa *low lying area* fejn hemm aktar possibbiltà ta' *flooding.* Ix-xhud jgħid li llum biex *substation* jagħmluha msaqqfa, din ma jridx ikollha aċċess biss minn bokka, iżda jrid ikollha aċċess minn bieb u dan għaliex jekk tkun bil-bokka jkun hemm problema ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-arja speċjalment għal *jointers* li jista' jkollhom jagħmlu *hotworks.* Ix-xhud jgħid li d-deċiżjoni finali tittieħed

[26] Xhieda *a fol.* 189 sa 197.

wara diskussjonijiet mal-iżviluppatur, mal-perit tiegħu u mal-konsulent tal-elettriku tal-iżviluppatur. Attard qal li ttieħdu inkonsiderazzjoni l-aspetti tekniċi, kif ukoll dawk dwar is-saħħa u s-sigurtà. Mistoqsi minn din il-Qorti[27] jekk kinux saru studji indipendenti, jgħid biss:

> "Dak huwa ix-xogħol tal-Enemalta wara kollox u tiġi regolata kienet bil-Planning Authority u tibgħatha lilna biex imbagħad nivverifikaw il-bżonn tas-*substation* jew le abbażi tas-saħħa tad-domanda li jkun qed jitlobna."

In kontroeżami l-inġinier Alan Attard jgħid[28] li kemm kien ilu mal-Enemalta kien involut f'xi tmien mitt *substation* u dawk bil-*basement* kienu jikkompredu xi 20 jew 30 fil-mija tat-total. Mistoqsi mill-avukat tas-soċjetà konvenuta jekk kienx jiżgura li tiġi segwita l-liġi għar-rigward ta' kif jinbnew is-*substations,* ix-xhud wieġeb li l-liġi kienet marbuta mal-*planning* biex issir konsultazzjoni mal-Enemalta minħabba d-domanda ta' dawk li jkunu qed jitolbuha u qal li dan kien l-iskop kollu. Ix-xhud qal ukoll li l-bini jkollu bżonn il-*compliance certificate* tal-Awtorità tal-Ippjanar u jekk ikun hemm bżonn ta' *substation* u eventwalment din ma tkunx saret, kien jinħareġ *enforcement notice* u l-post ma jiġix ipprovdut bid-dawl.

Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud **Claudio Azzopardi**[29] jgħid li kien ilu jaf lill-attur minn meta kienu tfal u daħal bħalu mal-Enemalta bħala *jointer.* Qal li hu u Brian Scicluna kienu ntbagħtu fejn kien qed jaħdem l-attur ukoll biex ilestu x-xogħol tal-*cables,* li jgħid li kienu ta' materjal tqil u kien ikun hemm bżonn żewġ ħaddiema u ġieli anki tlieta biex itellgħuhom. Ix-xhud jgħid li dak iż-żmien

[27] *A fol.* 197.
[28] *A fol.* 197 sa 200.
[29] *A fol.* 211 u 212.

kienu jaħdmu fuq ħafna *substations* imsaqqfa, però s-*substation* fejn kien seħħ l-inċident kien bi trinka, li skont ix-xhud hija l-inqas sikura u ma jkunx hemm spazju adegwat fejn wieħed jaħdem. Fil-jum tal-inċident ix-xhud jgħid li huma bdew jiddrittaw il-*cable* minn fuq u jgħadduh lill-attur kif kienet is-solita proċedura u f'daqqa waħda l-attur beda jgħajjat u kellhom itellgħuh u ħaduh l-poliklinika tal-Mosta. Ix-xhud jgħid li huwa kien anki ffirma l-*injury report.* Qal li huma kienu lkoll lebsin l-ingwanti u s-*safety shoes* u l-attur kellu wkoll il-*helmet* peress li kien qed jaħdem taħt is-*switches.* Ix-xhud jgħid li wara l-inċident lill-attur ma kienx rah iżjed għax l-attur ma setax ikompli jaħdem ta' *jointer* kawża tal-imsemmi inċident.

Xehed ukoll **David Saliba**, rappreżentant tal-Occupational Health and Safety Authority (OHSA)[30] li qal li kienu rċevew *injury report* mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dwar l-inċident inkwistjoni, imma peress li huma kienu kkonstataw li l-*injury* kienet biss fir-*right hand thumb,* assumew li din kienet waħda trivjali u ma kinux indagaw ulterjorment. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport[31] iffirmat mill-attur, minn Eugenio Borg u minn Claudio Azzopardi u min-naħa tal-Enemalta minn Mary Falzon u Mario Azzopardi u spjega li dan ir-rapport jgħadduh lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u dan jgħaddih lill-OHSA.

Xehed ukoll **Romano Tabone**[32], *maintenance manager* ta' Seabank Hotel and Catering Limited, li qal li s-*substation* ma taqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu imma taħt l-Enemalta. Ix-xhud jgħid li huma li lanqas biss għandhom aċċess għas-*substation*. Ix-xhud jgħid li taħt din is-*substation* hemm *loading area* tal-

[30] *A fol.* 150 sa 153.
[31] *A fol.* 155 sa 160.
[32] *A fol.* 204 u 205.

lukanda u li s-*substation* qiegħda livell mat-triq. Ix-xhud jgħid ukoll li s-*substation* li kien hemm qabel kienet f'post kompletament differenti.

Xehed ukoll **Mario Azzopardi**[33], uffiċjal tekniku mal-Enemalta. L-attur fi żmien tal-inċident kien wieħed mill-ħaddiema lil jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' dan ix-xhud. L-attur kien qiegħed jaħdem f'*culvert* meta seħħ l-inċident. Ix-xhud jgħid illi l-attur kien ikkrepat fil-*culvert* fejn kien qiegħed jissettja l-*cables.* Ix-xhud jgħid li l-*cable* li kien qed jaħdem fuqu l-attur kien wieħed goff u esebixxa kampjun tiegħu. Ix-xhud spjega li l-*cable* jgħaddi mil-livell tat-triq għall-*basement* u jinżel fil-*culvert* fejn weġġa' l-attur. Ix-xhud spjega illi fiċ-ċokon il-*cable* ma jkunx flessibli, iżda fit-tul ikun flessibbli.

*Provi dwar id-danni sofferti mill-attur*

L-attur Brian Saliba fl-*affidavit* tiegħu spjega li wara l-inċident ittieħed il-poliklinika tal-Mosta, u hemmhekk tawh injezzjoni għal kontra l-uġigħ. Minn hemm bagħtuh l-isptar Mater Dei minħabba s-severità tal-uġigħ li kellu. L-attur baqa' jumejn l-isptar u wara operawh. Wara l-operazzjoni baqa' jiġi invistat mill-Prof. Borg però kien ikkonsulta privatament ma' Prof. Charles Grixti. L-attur kellu idu marbuta għal tliet ġimgħat sakemm qagħtulu l-punti. L-attur baqa' jieħu mediċini għan-nervituri u għall-uġigħ u dawn tal-aħħar għadu joħodhom sal-lum. L-attur esebixxa rapport tal-MRI li huwa għamel[34] fejn irriżulta li kellu *slipped disk,* però mhux fil-pożizzjoni tal-i*slipped disk* li

[33] *A fol.* 236 sa 246.
[34] *A fol.* 23 sa 25.

kellu fl-inċident tal-1998. L-attur jgħid li daħal lura x-xogħol ċirka sitt xhur wara l-inċident u ma setax ikompli fl-istess xogħol li kellu qabel l-inċident, iżda kellu jagħmel *light duties* fit-*Transport Office* tas-soċjetà konvenuta. L-attur jgħid li kellu jaddatta ħajtu għall-uġigħ li għad għandu, fejn anki biex jaqra gazzetta, jirrispondi l-*mobile* jew jara t-televiżjoni, jħossu skomdu u llum ma jistax jagħmel *maintenance work* id-dar u jkollu iġib il-ħaddiema u jħallashom. L-attur ippreżenta l-FS3 tiegħu għas-sena 2013 meta kellu dħul gross ta' €17,958, kopja tal-karta tal-identità tiegħu[35] u prospett tad-danni pretiżi minnu[36] fejn ikkalkula l-*lucrum cessans* b'dan il-mod: €17,985 x 12% (li tah l-espert *ex parte* Mr Grixti).[37] L-ammont riżultanti ta' €2,154.96 immultiplikat b'*multiplier* ta' 26[38] = €56,028.96 + 10% għall-għoli tal-ħajja = €61,631.85 bi tnaqqis ta' 12% għal-*lump sum payment* (peress li l-inċident kien seħħ kawżi 4 snin qabel[39]) = €54,236.02.

L-attur esebixxa wkoll ċertifikat maħruġ minn Trasport Malta[40] datat 20 ta' Lulju, 2012 fejn ġie eżentat milli juża ċ-ċintorin tas-sigurtà għal raġunijiet mediċi. Mart l-attur **Eleonor Saliba** fl-*affidavit* tagħha tgħid[41] li l-inċident li kellu żewġha fl-1998, u li għalih kienu tawh rata ta' diżabbiltà permanenti ta' 12%, kien żammu bl-uġigħ għal xi sena u nofs u wara għaddielu għalkollox u baqa' jaħdem ta' *jointer* u jagħmel manutenzjoni fid-dar tiegħu u kellu l-passatempi tiegħu. Ix-xhud tgħid li wara l-operazzjoni li għamel l-isptar wara l-inċident mertu ta' din il-kawża, żewġha kien mar lura d-dar wara xi erbat ijiem, imma ma setax jidħol għax-xogħol għal madwar sitt xhur. F'dawn is-sitt

[35] *A fol.* 12.
[36] *A fol.* 32.
[37] Però l-espert mediku inkarigat mill-Qorti, Mr Carmel Sciberras, wasal għal rata ta' diżabbiltà permanenti ta' 13%.
[38] L-attur kellu 39 sena meta seħħ l-inċident u huwa eleġibbli għall-pensjoni fl-età ta' 65 sena, iġifieri l-*multiplier* huwa 26.
[39] Meta sar il-prospett anness mal-*affidavit* tal-attur li ġie maħluf fit-23 ta' Ottubru, 2015.
[40] *A fol.* 210.
[41] *A fol.* 213 u 214.

xhur ix-xhud tgħid li l-attur kien il-ħin kollu muġugħ u kien jieħu *pain killers.* Ix-xhud tgħid li kien hemm żewġ tobba li kienu ssuġġerewlu li jagħmel operazzjoni oħra, li però kienu qalulu li tista' ma tirnexxix u seta' jispiċċa f'*wheelchair.* Ix-xhud tgħid li l-attur għadu sal-lum ma jistax jagħmel affarijiet bażiċi minħabba l-uġigħ u ma jistax jilbes is-*safety belt* tal-karozza. Ix-xhud tgħid li l-inċident kien biddel ħajjet l-attur u anki ħajjitha għax hi dejjem miegħu tgħinu fl-affarijiet bażiċi bħal tgħinu biex jinħasel, biex juża l-*computer* jew biex tiktiblu xi ħaġa.

In kontroeżami[42] Eleonor Saliba spjegat li żewġha ma jistax jilbes ċ-ċinturin tas-sigurtà fil-karozza għax jekk joqgħod f'pożizzjoni waħda, jibda juġgħu dahru. Ix-xhud tgħid li meta fl-*affidavit* semmiet operazzjoni li setgħet twassal li żewġha jispiċċa f'*wheelchair,* kienet qed tirreferi għal operazzjoni f'dahru u mhux f'subgħajh.

Xehdet ukoll it-tabiba **Salvina Zrinzo**[43] li qalet li l-attur kien ġie riferut għandha għall-MRI mit-tabib Joe Borg minħabba suspett ta' *discopathy* u *recurrent cervical neuralgia*. Ix-xhud tgħid li hija kienet ħadet l-MRI tal-attur l-Isptar Mater Dei fil-5 ta' Frar, 2012. Mir-rapport jirriżulta li l-attur kellu diversi rkiekel tas-sinsla tad-dahar sporġuti u skont hi dawn kienu aktar minħabba *wear and tear* milli effett ta' xi *trauma*.

[42] *A fol.* 266 sa 267.
[43] *A fol.* 263 sa 265.

*Rapport tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras*

Fir-rapport tiegħu **Mr Carmel Sciberras**[44] jgħid li hu ħa konjizzjoni tal-informazzjoni dwar l-operazzjoni li saret fuq l-attur wara l-inċident mertu ta' din il-kawża, l-MR *Cervical Spine* tal-5 ta' Frar, 2012 u MR ieħor li sar fit-13 ta' Diċembru, 2013 li ma wera ebda kambjamenti mill-ewwel wieħed. Ir-rapport ta' Mr Sciberras isemmi l-inċident tal-1998, iżda jgħid li dan kien ikkawża *slipped disk* fuq in-naħa tax-xellug tal-għonq. Mill-eżami li Mr Sciberras għamel lill-attur fil-11 ta' Frar, 2016, ikkonkluda li l-attur iżomm għonqu iebes, ikollu perijodi ta' wġigħ fl-għonq u ma jistax iqandel jew jieħu xi skoss ieħor u għaldaqstant kien ser ikollu xi restrizzjonijiet fil-ħajja tiegħu li kkalkula li jwasslu għal rata ta' diżabbiltà permanenti ta' 13%.

Fl-eskussjoni li saret lill-espert mediku mis-soċjetà konvenuta[45], Mr Carmel Sciberras spjega li kien eżamina lill-attur darba biss. Mill-eżami tal-*X-ray* Mr Sciberras qal ma seta' jikkonkludi xejn però mill-MRI seta' jara s-*soft tissue* li tindika *slipped disc* u mhux sempliċi deġenerazzjoni biż-żmien. Mr Sciberras jgħid li anki d-deskrizzjoni li ta l-attur ta' x'ġara meta kien fit-trinka, li ħass *shock* mill-għonq għas-swaba', hija indikattiva ta' *slipped disk.* Mr Sciberras qal li wasal għar-rata ta' 13% skont il-*guidelines* li jintużaw normalment. In kontroeżami[46] Mr Sciberras ikkonferma li ħa inkonsiderazzjoni l-inċident li kellu qabel l-attur u li l-attur kien qallu li kien fieq minnu kompletament. Mr Sciberras jgħid li huwa normali li jeżamina pazjent darba biss biex jasal għall-konklużjonijiet mediċi tiegħu, dejjem wara li jkun eżamina wkoll il-*medical records* tal-pazjent.

---

[44] *A fol.* 51 sa 55.
[45] *A fol.* 272 sa 274.
[46] *A fol.* 274.

## Konsiderazzjonijiet legali

Tqis fl-ewwel lok illi rigward l-inċident li seħħ fid-9 ta' Novembru, 2011, anki s-soċjetà konvenuta aċċettat li l-attur tassew korra fl-imsemmi inċident, tant hu hekk li hija kienet aċċettat li tħallsu sitt xhur *injury leave* b'paga sħiħa.

Tqis ukoll illi mill-provi li ġew prodotti jirriżulta li għar-rigward tas-sit fejn seħħ l-inċident, ma kienx sar *risk assessment* ta' kif kellhom jaħdmu l-*jointers* meta jqandlu *cables* tqal f'post ristrett ħafna bħal fil-każ preżenti. Dan hu evidenti mill-fatt li l-inġinier tal-Enemalta ta' dak iż-żmien Bernard Farrugia kien hu stess li qal fl-*Accident Investigation Report*[47] li ma kienx sar *risk assessment* anki jekk imbagħad b'mod xejn konvinċenti fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża jgħid illi r-*risk assessment* kien sar f'Awwissu 2011, ftit xhur qabel l-inċident. Dan għaliex ir-*risk assessment* li kienet għamlet is-soċjetà konvenuta kien limitat biss għall-kwistjoni tal-aċċessibilità għall-*construction site* wara lmenti li kienu saru mal-*union* tal-ħaddiema. L-inġinier Bernard Farrugia pprova jiġġustifika l-inkonsistenza bejn dak li stqarr fir-rapport tiegħu u dak li xehed f'din il-kawża billi qal li ma jistax isir *risk assessment* għal kull sitwazzjoni. Iżda hu evidenti li fejn kellu jaħdem l-attur kien spazju ristrett ħafna u li kull tqandil u manuvrar li jsir b'materjal ta' ċertu piż jista' faċilment jikkawża trawmi simili bħal dik li sofra l-attur fl-inċident *de quo.* Tant hu hekk Mario Azzopardi, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, fix-xhieda tiegħu jammetti li l-ispazju fejn kellu jaħdem l-attur kien ikkrepat. Lanqas mhija raġuni valida dak li ngħad mis-soċjetà kovenuta li wara li kien weġġa' l-attur, ix-xogħlijiet kienu tlestew permezz ta' impjegati oħrajn mingħajr ma weġġa' ħadd aktar. Mill-provi

[47] Ara *fol.* 7.

estensivi li nġabru f'din il-kawża, joħroġ ċar li xogħol ta' toqol fi spazju daqstant ristrett, l-inċident inkwistjoni seta' jkun raġjonevolment previst. Is-soċjetà konvenuta kellha l-obbligu li tiżgura li t-tqassim intern ta' *substation* sew jekk b'*basement* taħtha kemm jew mingħajru, ikun adegwat biex l-ħaddiema tagħha jkollhom spazju xieraq fejn iwettqu x-xogħol tagħhom mingħajr ma jweġġgħu. Is-soċjetà konvenuta għażlet li tibni *substation* bi trinka interna fejn l-impjegati tagħha ma setgħux jaħdmu sew u jagħtu s-servizz mitlub minnhom bl-inqas periklu jew riskju għal saħħithom. Għalkemm l-għażla tat-tip ta' *substation* li nbniet bi trinka interna u mhux bil-*basement*, jirriżulta li kienet iddettata mill-eżiġenzi tal-lukanda Seabank li taħt is-*substation* għamlet *loading area* għall-użu tagħha, fl-aħħar mill-aħħar din l-għażla saret mis-soċjetà konvenuta u hija s-soċjetà konvenuta li kienet responsabbli għaliha. Li kieku s-soċjetà konvenuta bniet *substation* bil-*basement* imsaqqaf flok bi trinka interna, probabbilment l-inċident lanqas biss kien iseħħ għax isfel ma kienx ikun hemm ħaddiem wieħed biex jiddritta l-*cable*, imma kien ikun hemm żewġ ħaddiema jew aktar fi spazju ferm inqas ristrett. Mill-provi li ġew prodotti, jirriżulta li fl-għażla tat-tip ta' *substation* li bniet, is-soċjetà konvenuta kkunsidrat diversi fatturi, imma l-fattur tas-sigurtà u saħħa tal-impjegati li jaħdmu fis-*substation* ma kienx fost il-fatturi li ngħataw prijorità. Minkejja li x-xhud Alan Attard qal li ma setgħetx tinbena *substation* bil-*basement* għax kien hemm ir-riskju li jekk iħaffru iżjed setgħu jispiċċaw fil-baħar, min-naħa tiegħu x-xhud Romano Tabone, li jifforma parti mill-*management* tas-Seabank, qal illi s-*substation* kienet fil-livell tat-triq u li taħtha hemm il-bini, ċjoè *loading area* tal-imsemmija lukanda.

Il-ġurisprudenza nostrali titfa' oneru qawwi fuq l-*employer* li għandu jiżgura li l-impjegati tiegħu kemm jista' jkun ma jsofrux danni fuq il-lant tax-xogħol. L-*employer* għandu jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'dak li jissejjaħ "*a safe system of work*". Din is-sistema ta' xogħol trid tieħu inkonsiderazzjoni:

> "l-atmosfera fil-post tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-kors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu inkarigati biex jaħdmu miegħu fuq dan ix-xogħol."[48]

Għal dan kollu, huwa s-sid li jrid ikopri lill-ħaddiem. Irid fi kliem ieħor, ikopri lill-ħaddiem kontra l-aljenazzjoni tiegħu stess, u jekk jonqos minn dan l-obbligu, avolja jista' jkun hemm grad ta' negliġenza mill-ħaddiem innifsu, is-sid irid, fi grad jew ieħor, jirrispondi għad-danni kkawżati lill-ħaddiem waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Calleja *vs.* Fino**[49], il-fatt li fil-passat qatt ma nqalgħu problemi jew ilmenti, ma jfissirx li s-sistema adoperata kienet waħda *safe*:

> *"The fact that the system adopted has been in use for years without incident, is not proof that the system is safe; the accident in question justifies this".*[50]

Il-fatt li wara l-inċident inkwistjoni s-soċjetà konvenuta lestiet ix-xogħlijiet inkwistjoni u ħalliet l-istess *set-up* intern ta' kif kienu mqassmin is-*switches* u l-apparat, juri traskuraġni kbira fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha.

[48] Kumm., **Schembri *vs.* Caruana**, 12.01.1983.
[49] Q.A., 10.10.1980.
[50] Ara f'dan is-sens P.A., **Simon Chetcuti *vs.* Alec Mizzi *et***, 20.06.2002.

Fil-kawża Ingliza fl-ismijiet **Wilsons and Clyde Coal Co. *vs.* English**, deċiża mill-*House of Lords* fil-1937, Lord Maugham osserva:

> *"In the case of employments involving risk … it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works; secondly to select properly skilled persons to manage and superintend the business, and thirdly to provide a proper system of working".*[51]

Illi huwa inutli li s-soċjetà konvenuta tgħid li l-attur kienet tagħtu kors fil-*health and safety,* meta mbagħad tippretendi li dan kellu jaħdem f'ambjent ta' xogħol li minnu nnifisu kien riskjuż għall-korrimenti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Calleja *vs.* Fino**[52] ntqal ukoll:

> *"It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Borg *vs.* Wells *et***[53], jingħad ukoll li:

> *"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Grech *vs.* Ellul**[54], intqal li:

> *"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work".*

---

[51] UKHL 2,, 3 All ER 628.
[52] *Ibid.*
[53] Kum., 09.09.1981.
[54] P.A., 27.06.1996.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mifsud *vs.* Camilleri**[55], ġie deċiż li s-sid kien responsabbli għall-incident meta l-ħaddiem li kien qiegħed jaħdem minn fuq *platform* biex ineħħi boltijiet minn bejt, żelaq minn fuq il-*platform* u weġġa'. Il-Qorti osservat li l-possibilità li jseħħ dan l-inċident kienet waħda prevedibbli u ġie deċiż li s-sid kien responsabbli għax ma kienx hemm *guards* jew forma oħra ta' protezzjoni madwar il-*platform*."[56]

Tqis illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża li kien jinvolvi xogħol ta' strapazz fi spazju kkrepat fejn kellu jaħdem l-attur, il-possibilità li l-attur iweġġa' kienet prevedibbli u l-Qorti hija konvinta li kieku tabilħaqq sar *risk assessment* mis-soċjetà konvenuta iffukat fuq din l-operazzjoni partikolari, dan ir-riskju kien jiġi rilevat u kienu jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex ir-riskju jiġi mnaqqas kemm jista' jkun.

Il-Qorti tirrileva li fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta mhux biss isostni li hija ma kellha ebda tort fir-rigward tal-inċident mertu tal-kawża, iżda fl-ewwel eċċezzjoni tagħha tattribwixxi r-responsabbiltà għall-inċident għan-negliġenza tal-attur u fit-tieni eċċezzjoni tagħha tgħid li l-inċident ġie kkawżat b'riżultat ta' negliġenza kontributorja da parti tal-attur. Imma l-provi li ġew prodotti mis-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma juru li l-attur kien negliġenti jew wera xi nuqqas ta' prudenza fuq ix-xogħol. L-attur kien liebes l-ilbies protettiv kollu li pprovditlu s-soċjetà konvenuta u kien qed jaħdem fejn u bil-mod li ġie indikat lilu mis-soċjetà konvenuta taħt is-sorveljanza ta' *foreman* u inġinier. Mill-provi li ġew prodotti jirriżulta ampjament li l-attur wettaq diliġentement id-dmirijiet tiegħu u segwa l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mis-superjuri immedjati tiegħu. Bl-iktar mod

[55] Q.A., 06.11.1978.

[56] Ara P.A. **Deguara *vs.* Scicluna *noe et,*** 19.10.2006.

inkredibbli s-soċjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tasal biex targumenta li peress li l-attur kien diġà korra fuq il-post tax-xogħol fl-1998, huwa messu rrifjuta li jinżel jaħdem fit-trinka u messu insista li jkun wieħed minn sħabu li jagħmel dan.

Il-Qorti tqis illi meta seħħ l-inċident *de quo*, l-attur kien qiegħed jaġixxi fl-aħjar interess tal-*employer* tiegħu u minn fuq is-soċjetà konvenuta ssostni fis-sottomissjonijiet tagħha li l-attur messu rrifjuta li jaħdem fit-trinka u insista li jinżel xi wieħed minn sħabu biex jaħdem hemm isfel. Naturalment is-soċjetà konvenuta ma tgħidx x'kien jiġri li kieku l-ħaddiema kollha tas-soċjetà konvenuta li kienu fuq il-lant tax-xogħol tal-lukanda Seabank, ilkoll kemm huma għal xi raġuni jew oħra rrifjutaw li jinżlu jaħdmu fit-trinka.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Barbara *vs.* Airmalta p.l.c.**[57] fejn jingħad dwar ir-responsabbiltà:

> "L-attur jidher li qiegħed isostni li hu kien imġiegħel jaħdem sigħat twal mas-soċjetà konvenuta u li l-inċident stradali seħħ minħabba li kien għajjien wara *shift* twil u għalhekk jimplika li s-soċjetà konvenuta naqset li tipprovdi *a safe system of work* għall-impjegat tagħha li kienu ġew *seconded* mal-Azzurra Air, iżda mill-provi ma jirriżultax mill-*file* li l-attur talab li jiġi *relieved* minn *duties*. L-attur ikkontenda li r-*roster* tiegħu ma kienx qed jiġi miżmum u li kawża ta' hekk sar l-inċident. Il-Kap 16 artikolu 1032 jgħid:
>
> "(1) Jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."
>
> Għalhekk il-Qrati tagħna dejjem żammew li jeżistu tliet elementi biex tirnexxi azzjoni għal danni:

[57] Q.A., 26.03.2010.

1 – Il-fatt dannuż illeċitu,
2 – L-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu,
3 – Id-dannu kaġjunat minn dan l-istess fatt hu doluż jew li jwassal għal *culpa* da parti ta' min ikun għamlu.

**Agius *vs.* Busuttil**, Qorti tal-Appell, 14.12.1982 fejn min jinstab responsabbli għal danni jkollu konnessjoni loġika ta' kawża u effett.

L-awtur Taljan Torrente jiddefinixxi l-*culpa* bħala:

> *"un'evento si dice colposo quando non è stato intenzionalmente procurato ma si è verificato a causa di negligenza, imprudenza o imperizia, ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline."*

L-attur isostni li l-kwantità ta' xogħol li kien hemm kien voluminuż ħafna u li l-i*staff* ma kienx suffiċjenti biex jilħaq mal-volum ta' xogħol. Infatti irriżulta li spiss kien ikun hemm *overtime* kif ukoll kien hemm proċedura li jaħdmu fl-*off days*. Ċertament l-impjegati kienu kuntenti b'din is-sistema wkoll minħabba li kienu jaqilgħu aktar flus kif ukoll kellhom il-possibbiltà li jinżlu lura Malta aktar frekwenti jew aktar fit-tul biex ipattu tas-sigħat twal ta' xogħol li jkunu għamlu. Żgur li l-attur ma ġiex sfurzat biex jidħol għax-xogħol iżda fl-istess ħin kien aġir sewwa tas-soċjetà konvenuta li tħaddem lill-ħaddiema tagħha dawk is-sigħat twal kollha b'mod li l-impjegati jkunu daqshekk għajjenin?"

Fil-każ odjern jirriżulta li x-xogħlijiet inkwistjoni kienu ta' natura urġenti, tant hu hekk ġew assenjati żewġ *jointers* oħra fuq il-proġett[58] minbarra l-attur. Dan il-proġett kien inkorporat fil-proġett tal-iżvilupp tal-lukanda ġdida Seabank. Is-soċjetà konvenuta ma jidhirx li kellha l-ħin tevalwa u tissorvelja l-perikli li l-impjegati tagħha kienu soġġetti għalihom waqt il-qadi ta' dmirijiethom fil-proġett tal-iżvilupp tas-*substation* tal-lukanda Seabank.

[58] Ara x-xhieda ta' Claudio Azzopardi.

L-imsemmija sentenza fl-ismijiet **Barbara *vs.* Airmalta p.l.c.** dwar *safe system of work* tkompli tgħid*:*

"Minn dak imsemmi hawn fuq jemerġi ċar li min iħaddem għandu dejjem juża d-diliġenza ta' *bonus pater familias* inkluż li għalhekk jipprovdi *a safe system of work* għax altrimenti jkun responsabbli għal eventwali danni. Huwa ċertament responsabbli għal danni min jimpjega b'mod li:

1. Ix-xogħol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun raġjonevolment previst,

2. Ir-riskju kien il-kawża tal-korriment,

3. Tali riskju seta' ġie evitat.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza tagħha kif presjeduta mogħtija fid-19 ta' Ġunju, 2007 fl-ismijiet **Armando Caruana *vs.* Filomeno Pace *noe*** fejn ingħad:

"Ċertament jinkombi fuq l-*employer* li jipprovdi *a safe system of work* għall-impjegati tiegħu, kemm jekk ix-xogħol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-ħaddiema jintbagħatu jaħdmu barra mill-fabbrika. Xogħol barra mill-fabbrika xorta waħda għandu jkun *safe system of work* u dan japplika mill-bidu nett sal-aħħar nett li jkun qiegħed isir ix-xogħol. Huwa d-dover ta' min iħaddem li qabel ma jibgħat il-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma *safe* u mingħajr riskji għall-ħaddiema tiegħu. Għalhekk huwa d-dover ta' min iħaddem li jispezzjona l-post tax-xogħol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu għall-ħaddiema. Taħt kull ċirkostanzi l-ħaddiem m'għandux jiġi mqiegħed fil-periklu bla bżonn."

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Bugeja *vs.* Montanaro Gauci**, deċiża fl-14 ta' Mejju, 2004:

"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilità li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilità ta'

infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*'"

L-istess prinċipju nsibuh fil-kawża **Gauci *vs.* Korporazzjoni Enemalta**, deċiża fl-10 ta' Ottubru, 2006 fejn ingħad:

"qabel ma jintbagħat ħaddiem jaħdem fuq sit, minn iħaddem għandu obbligu "li tagħmel eżami jew spezzjoni sempliċi sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xogħol huwa wieħed *safe.*"[59]

Illi finalment fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony D'Anastasi *vs.* Korporazzjoni Enemalta**[60] ntqal:

"Huwa faċli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi jwaħħal fl-impjegat għax uża għodda mhux koperti minn apparat ta' sigurtà; iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta' min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda jkun medd idejh għax-xogħol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wieħed jattribwixxi xi tort lill-attur u ngħidulu li kien aħjar li ħasel idejh.

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Schembri *vs.* Caruana** nomine deċiża fit-12 ta' Jannar, 1983, *employer* illi jkun jaf li fil-makkinarju tiegħu hemm perikolu u ma jieħu ebda passi biex jirrimedja għal dan jesponi ruħu għall-konsegwenzi legali li joħorġu minn dan... L-*employer* (għandu jaħseb) illi jippjana sew ix-xogħol u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xogħol tagħhom ta' kull jum."

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal-lant tax-xogħol fejn kien qiegħed jaħdem l-attur fil-każ odjern. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta messha antiċipat li l-ispazju ristrett fit-trinka

[59] Ara hawn ukoll P.A., **Stanton *vs.* Schembri & Sons Limited,** 16.12.2013, Q.A.**, Zammit *vs.* Aquilina *noe*** datata 2.2.1995, Q.A., **Portelli *vs.* Leone Ganado *et,*** 15.12.2005, P.A., **Pulis *vs.* Agrisupplies Ltd. *et,*** 9.11.2005 u P.A., **Raymond Borg *vs.* Polidano Brothers Limited,** 02.10.2002.

[60] P.A., 28.06.2005.

fejn kellu jaħdem l-attur, ma kienx joffri sistema ta' xogħol sigura u seta' jkun raġonevolment previst li l-attur seta' jweġġa' f'dawk iċ-ċirkostanzi.

Illi kwantu għar-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, peress li hija ma kinitx disposta fl-ewwel lok li taċċetta r-responsabbilità għall-inċident, għalhekk din il-Qorti ma tistax ma tallokalhiex ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Illi ladarba ġiet stabbilita r-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta għall-inċident mertu tal-kawża, ikun jonqos biss li jiġi stabbilit il-*quantum* tad-danni.

Illi bħala *damnum emergens* l-attur qiegħed jippretendi li jitħallas €65 bħala *consultation and hospital fee* tal-espert *ex-parte* Mr Charles Grixti, però ma esebixxa ebda riċevuta f'dan ir-rigward. L-attur jippretendi li jitħallas "*allowance stand by*" presumibbilment għas-sitt xhur li ma kienx attenda x-xogħol, fiż-żmien meta però l-Enemalta xorta waħda ħallsitu regolarment il-paga. Però l-attur ma ġabx prova ta' kemm kienet din l-*allowance.*

Illi kwantu għall-konklużjonijiet tal-espert mediku l-kirurgu ortopediku Mr Carmel Sciberras, fil-ġurisprudenza nostrali jingħad:

> "Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju, 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *vs*. Emanuele Muscat *et*** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu *il giudizio dell'arte* espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti

nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli."[61]

Illi kif ġie affermat ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Edwin Vella *vs.* Joanna Briffa**[62]:

"Magħmula din l-introduzzjoni, huwa paċifiku illi l-konklużjonijiet peritali u x-xhieda tal-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova għall-Qorti (Artikolu 644 tal-Kapitolu 12) u, allura bħal materjali istruttorji oħra huma kontrollabbli mill-ġudikant. Ara **Giswarda Bugeja *et vs.* Emanuele Muscat *et***, Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju, 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taċċetta l-konklużjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), però daqstant ieħor hu wkoll konkordament riċevut u aċċettat illi "dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konklużjoni ta' perit minnha nominat" (**Anthony Cauchi *vs.* Carmel Mercieca**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).

Kif issokta jiġi preċiżat "il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami". (**Philip Grima *vs.* Carmelo Mamo *et nomine***, Appell, 29 ta' Mejju, 1998)"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Patricia Pace *et vs.* Alfred Mallia *et***[63] intqal ukoll li:

"Dwar il-konklużjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru, 2001 fil-kawża **Calleja *vs.* Mifsud** irriteniet li:

"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-

[61] **John Busuttil *et. vs.* Tapa Limited**, P.A., 11.01.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31.05.2013.
[62] 18.10.2006 *per* Imħallef Philip Sciberras.
[63] P.A., 30.09.2010.

liġi prova ta’ fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra però, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors tal-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta’ natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta’ espert in materja. B’danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b’lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.”

*Omissis....*

Għalkemm huwa minnu li l-konklużjonijiet peritali huma bħal materjali istruttorji oħra kontrollabbli mill-ġudikant, tant li kif igħid l-Art. 681 tal-Kap. 12, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta dawn il-konklużjonijiet kontra l-konvinzjoni tagħha. Fl-istess waqt “dan ma jfissirx però illi l-Qorti tista’ tagħmlu b’ mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami” (**Grima *vs.* Mamo *et noe* –** Qorti tal-Appell – 29 ta’ Mejju, 1998)**.** “Jiġifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta’ tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni però kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ, mil-lat tekniku. (**Cauchi *vs.* Mercieca –** Qorti tal-Appell – 6 ta’ Ottubru, 1999; **Saliba *vs*. Farrugia** – Qorti tal-Appell – 28 ta’ Jannar, 2000 u **Calleja *noe vs.* Mifsud** – Qorti tal-Appell – 19 ta’ Novembru, 2001).

“*Il giudizio dell’arte* espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha mogħtija ta’ talba għan-nomina ta’ periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi,

irraġonevoli" – (**Bugeja** ***et vs.*** **Muscat** ***et*** – Qorti tal-Appell – 23 ta' Ġunju, 1967)."

Din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tvarja l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert mediku Mr Sciberras fir-rapport tiegħu. Tabilħaqq li t-tabiba Salvina Zrinzo li kienet għamlet MRI fuq l-attur meta ġie riferut lilha minn tabib ieħor, tat interpretazzjoni kemxejn differenti għar-riżultati tal-MRI minn dik li ta Mr Sciberras. Però t-tabiba Zrinzo ma għamlet ebda indaġni dwar l-istorja medika tal-attur u lanqas ma eżaminat il-*medical records* tal-attur, mentri l-espert mediku Mr Carmel Sciberras kien f'pożizzjoni li jagħmel evalwazzjoni sħiħa u kompluta tal-kundizzjoni medika tal-attur b'riżultat tal-inċident mertu ta' din il-kawża. Illi għaldaqstant din il-Qorti sejra taddotta l-perċentwal ta' diżabilità permanenti ta' 13% kif ġie kkonstatat u spjegat fir-rapport tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-attur jirriżulta li l-paga tiegħu fl-2013 kienet ta' €17,958. Ma' dan sejjer jiżdied 8% għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*. Barra minn hekk il-Qorti taqbel mal-attur li l-*multiplier* f'dan il-każ għandu jkun ta' 26 tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Malti medju żdiedet sostanzjalment u taċ-*chances and changes of life*, tenut kont ukoll tal-fatt li persuna fl-età tal-attur illum bil-liġijiet tal-pajjiż ser tieħu l-pensjoni ta' 65 sena. Mit-tnaqqis ta' 20% li solitament isir għal-*lump sum payment,* meta s-sentenza finali ma tkunx ingħatat wisq wara l-event dannuż[64] qegħdin jitnaqqsu 2% x 6 = 12% għal kull sena li għaddiet minn meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, apparti li kif ġie rilevat fil-verbal tal-

[64] Ara **Scicluna** ***vs.*** **Meilaq**, P.A, 16.07.2001.

udjenza tat-23 ta' Ottubru 2017, kien hemm dewmien inutili f'dawn il-proċedimenti minħabba differimenti mitluba mis-soċjetà konvenuta meta kienet fl-istadju tal-provi tagħha.[65] Għalhekk it-tnaqqis għal-*lump sum payment* ser ikun ta' 8%.

Il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* soffert mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, għandha ssir b'dan il-mod: €17,958 + 8% = €19,394.64 x 13% rata ta' diżabbiltà permanenti = €2,521.30 x 26 *(multiplier)* = €65,553.88 bi tnaqqis ta' 8% għal-*lump sum payment* li jġib id-danni *lucrum cessans* fis-somma ta' €60,309.57.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġnijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara lis-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident tad-9 ta' Novembru, 2011, f'liema inċident korra l-attur;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' sittin elf, tlett mija u disa' Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€60,309.57);**

[65] Ara **Giuseppi Agius *et vs.* Tarcisio Fenech**, Q.A.,29.10.2003.

**4. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' sittin elf, tlett mija u disa' Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€60,309.57).**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Settembru, 2013, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.